**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Żammit**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 31 t'Ottubru 2019**

**Talba Nru: 521/17 CZ**

**Mario Camenzuli**

**vs.**

**Maria Cassar-Kruger**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tal-attur mressqa fil-15 ta' Novembru 2017 li biha ppremetta:

Illi l-konvenuta ghamlet rapport falz fil-konfront tal-attur li wassal biex l-attur isofri minn effetti negattivi ta' sahha fizika kif ukoll isofri minn telf finanzjarju fl-ammont ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) rapprezentanti telf ta' salarju u spejjez medici.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhirlu xierqa u opportuna jordna lill-intimata sabiex

thallas is-somma ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) oltre l-imghax legali lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta mressqa fl-20 t'April 2018 li permezz taghha eccepiet:

It-talbiet ta' Mario Camenzuli huma kkontestati:

1. Maria Cassar Kruger ma ghamlet l-ebda rapport falz fil-konfront ta' Mario Camenzuli.
2. Hija ssostni li giet sesswalment molestata minnu hafna drabi u sottoposta ghal bullying minnu.
3. Anke Celine Collins giet immolestata sesswalment minnu.
4. Kienet il-Pulizija li hadet passi kriminali kontra tieghu wara li l-kaz gie investigat.
5. La hija responsabbli ghas-sahha fizika tieghuu lanqas ghal xi telf ta' salarju u spejjez medici. Ghalhekk m'ghandha tigi ordnata thallas xejn.

Ra wkoll il-kontro-talba tal-konvenuta rikonvezjonanti li permezz taghha talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallasha elfejn u hames mitt Euro (€2,500) u ppremettiet:

Minbarra li giet molestata sesswalment mill-ex Surgent Mario Camenzuli, hija sofriet fastidju u theddid. Minhabba fih, hija sfat vittma ta' estorsjoni u theddid serju, u tnehhiet minn Immigration Officer.

Ra r-risposta tal-attur rikonvezjonat ghall-kontro-talba fejn premetta:

Illi t-talbiet ta' Maria Cassar Kruger huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi l-espoenti jweigeb illi dak kollu sottomess fir-risposta taghha hu inveritier, u ghalhekk l-ebda ammont mhu dovut.

Illi kwalunkwe pretensjoni li tallega li ghandha Maria Cassar Kruger hija infondata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

It-Tribunal:

Ra l-atti;

Sema' x-xiehda;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli avukati difensur tal-konvenuta, jew konvenuta rikonvenzjonanti;

Ra li l-attur ma ghamel l-ebda sottomissjoni finali;

Ra li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

It-Tribunal qies ix-xiehda ta' Giovanna Maria Zammit[1], Loredana Sammut Belli[2], l-attur[3], l-Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neville Xuereb[4], il-konvenuta[5], u Spettur Joseph Busuttil[6].

Ikkunsidra:

Illi x-xhud **Giovanna Maria Zammit** prezentat rendikont tal-paga tal-attur mill-2013 sa l-2016.

Ix-xhud **Loredana Sammut Belli** wkoll prezentat rendikont tal-paga tal-attur ghas-sena 2017.

Illi **l-attur** xehed illi huwa kien surgent tal-Pulizija stazzjonat fl-ajruport fit-Taqsima tal-Passport Control. Kemm-il darba gibed l-attenzjoni tal-konvenuta ghall-fatt li kienet tasal tard ghax-xoghol u ghamel anke rapporti fuqha. Sussegwentement il-konvenuta allegat li l-attur kien taha fastidju sesswali u l-attur gie investigat, akkuzat dwar dan quddiem il-Qorti tal-Magistrati, u liberat. Matul il-kawza l-attur kien sospiz b'nofs il-paga, li sussegwentement inghatatlu meta dahal lura ghax-xoghol. L-attur pero' qal li xorta wahda tilef l-allowances u hlas addizzjonali.

Illi l-**Assistent Kummissarju tal-Pulizija Neville Xuereb** xehed illi l-attur kien baghat zewg e-mails lill-Assistant Kummissarju tal-Pulizija f'zewg okkazjonijiet

[1] Fol. 28
[2] Fol. 36
[3] Affidavit a fol. 58
[4] Fol. 43
[5] Fol. 63
[6] Seduta tal-20 ta' Marzu 2019

differenti, wahda minnhom biex jirrapporta lill-konvenuta talli waslet tard ghax-xoghol, u l-ohra biex jirrappurtaha talli skond hu tlewwmet ma' passiggiera.

Illi **l-konvenuta** xehdet illi l-attur kien jiffastidjaha, kull filghodu, jaqbdilha idejha, jipprova jdahhal idejh minn that hwejjigha, jipprova jwaqqaghha u jpingiha gharwiena mal-hajt. Qalet ukoll li l-attur kien imur f'darha, u kien bil-fors ikun irid li jkollu x'jaqsam sesswalment maghha, jipprova jahtafha, u jbusha. Ix-xhud irrappurtat lill-attur. Il-pulizija ddecidew li jharrku lill-attur, u x-xhud qatt ma hadet id-decizjoni hi sabiex l-attur jitharrek.

Illi l-**Ispettur Hubert Gerada** xehed illi l-konvenuta kienet kellmitu dwar fastidju min-naha tal-attur, u wara li tkellem mas-superjuri tieghu, ix-xhud irrefera l-kaz lill-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji. Dwar il-kaz fejn il-konvenuta allegatament tlewwmet ma' xi passiggieri, ix-xhud ma kienx jaf. Kien raha pero' it-tpingijiet ta' mara, li kienu tpingijiet pjuttost bazici, fi kliemu 'bhal tat-tfal', bil-partijiet privati tal-mara esposti u tahthom il-kelma 'Maria'. Dawn ordna li jithassru.

Illi **l-Ispettur Joseph Busuttil** xehed illi l-konvenuta kienet allegata fastidju fuqha mill-attur, u l-kaz spicca l-Qorti ghaliex ix-xhud lill-konvenuta raha kredibbli hafna, izda ghal varji cirkostanzi l-attur kien liberat mill-akkuzi.

Ikkunsidra ulterjorment:

Illi l-attur qed jitlob elfejn u hames mitt Euro (€2,500) bhal danni li sofra abbazi tal-premessa li l-konvenuta kienet ghamlet kontrieh rapport falz. It-Tribunal evalwa r-rendikonti tal-paga tal-attur li pprezentaw ix-xiehda, u rrizultalu li verament kien hemm zmien li fih il-paga tal-attur naqset.

Illi pero' dan irid jittiehed fil-kuntest tal-allegazzjoni tal-attur fis-sens illi l-konvenuta kienet ghamlet rapport falz. Ix-xhud Spettur Joseph Busuttil meta xehed qal li l-konvenuta ghalih kienet kredibbli hafna. Ghalkemm l-attur cahad li ta fastidju lill-konvenuta, ghandu jirrizulta illi certi fatti huma differenti minn dawk kif irrakkontahom l-attur. Jirrizulta fost ohrajn illi l-attur jixhed illi huwa ma seta' jaghmel xejn ghaliex il-kabini tal-ufficcjali tal-immigrazzjoni huma trasparenti. Il-konvenuta tirribatti izda illi l-kabini qeghdin maghmulin b'mod illi dak li jkun qed isir gewwa ma jidhirx. Di piu', il-fatt li kien hemm tpingijiet ta' mara gharwiena fl-ambjenti fejn kienet tahdem il-konvenuta xehdet dwaru mhux biss il-konvenuta, izda wkoll gie korroborat mill-Ispettur Hubert Gerada. Ghalhekk, ghat-Tribunal, fuq bazi ta' probabilita', ir-rapport li l-konvenuta ghamlet lill-attur ma jidhirx li kien wiehed falz. L-attur, li jidher li kellu xi pozizzjoni ta' setgha, tant li kien jirrimprovera lil min jidhol tard, ma jirrizultax li ha xi azzjoni biex it-tpingijiet ta' mara gharwiena b'isem il-konvenuta miktub tahtom, fuq il-post tax-xoghol, jitnehhew. Lanqas ma cahad din l-allegazzjoni tal-konvenuta, hlief li b'mod generiku qal li dak li qed tghid huwa inveritier. Dan kollu, flimkien max-xiehda fuq imsemmija ta' l-Ispetturi Hubert Gerada u Joseph Busuttil, jiddirezzjonaw lit-Tribunal sabiex jikkonsidra illi dawn l-ghemejjel tal-attur kif rappurtati mill-konvenuta kienu fil-fatt sostanzjalment minnhom; u ghalhekk non si tratta verament ta' rapport falz.

Illi ghalhekk, irrilevantement minn kemm tilef salarju l-attur, u jekk tilifx, il-premezza bazika li l-attur ghamel illi kien hemm rapport falz ma rnexxietx, u ghaldaqstant ma jirrizulta l-ebda ness ta' responsabilita' bejn it-tnaqqis fil-paga u l-beneficcji imsemmija mill-attur fuq naha, u l-agir tal-konvenuta min-naha l-ohra.

Illi l-konvenuta proponiet ukoll il-kontro-talba. F'dan ir-rigward, it-Tribunal, ghalkemm huwa wkoll jara iktar veritiera l-verzjoni tal-konvenuta dwar dak li gralha, iqis illi fil-verita' t-talba specifikament ghal elfejn u hames mitt Euro (€2,500) f'danni morali ma gietx sostnuta bi provi specifici li jiggustifikaw li l-konvenuta rikonvenzjonanti tiehu xi somma ta' flus f'forma ta' danni morali likwidati minghand l-attur. Ghalkemm semmiet diversi drabi x'kien jaghmlilha l-attur u anke

l-fatt li kellha tieqaf minn dak il-post tax-xoghol, it-Tribunal ma jistax mill-provi prodotti quddiemu jikkwantifika jew jillikwida xi somma ghal dan il-ghan, anke li kieku kellha tigi likwidata din is-somma, u dan propju ghaliex il-provi migbura ma jghinux f'dan ir-rigward.

Illi f'kull kaz id-danni morali hekk kif rikjesti mill-konvenuta mhumiex ravvizati fil-ligi. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza *Emanuel Galea vs Pierre Scicluna*[7], fejn intqal:

> [i]l-ligi tagħna diga` ma tagħti l-ebda kumpens ghad-danni morali f'każijiet bħal dawn u cioe` ma tagħti l-ebda kumpens ghall-uġiegħ u skumditajiet li min isofri debilita` permanenti neċessarjament jgħaddi minnhom. Lanqas tipprospetta kumpens għal dak li jirrigwarda n-nuqqas tal-kwalita` ta' ħajja li min ikollu debilita` permanenti neċessarjament ikollu jgħaddi minnha"

Illi din il-pozizzjoni giet ikkonfermata mbaghad f'sentenzi iktar ricenti fosthom fis-sentenza *Jeffrey Saliba vs. Richard Attard*[8]. It-Tribunal josserva li huwa minnu illi gurisdizzjonijiet ohra Ewropej jirrikonoxxu bis-shih l-ezistenza tad-danni morali u anke dawk biologici, u dan inkluz f'pajjizi bhall-Italja, izda jibqa' l-fatt illi fil-gurisprudenza nostrana dan it-tip ta' dannu, hekk kif reklamat mill-konvenuta, baqa' qatt ma gie akkolt bhala dannu li fuqu wiehed jista' jigi kundannat ihallas. It-Tribunal qieghed ghalhekk izomm mal-linja ta' gurisprudenza stabbilita u jikkonsidra li t-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti m'ghandhomx jintlaqghu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi:

1. Kwantu ghat-talba promotrici, jilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta u konsegwentement jichad it-talbiet tal-attur;
2. Kwantu ghall-kontro-talba, jichad l-ewwel eccezzjoni tal-attur rikonvenzjonat, jilqa' t-tieni eccezzjoni tal-istess attur rikonvenzjonat, u konsegwentement jichad it-talbiet tal-konvenuta rikonvenzjonanti.

[7] Qorti ta' l-Appell - 13 t' April 2007
[8] Prim'Awla tal-Qorti Civili – 6 ta' Dicembru 2018, per Onor. Imhallef Grazio Mercieca

L-ispejjez kollha relattivi ghat-talba promotrici ghandhom jithallsu mill-attur, filwaqt li l-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba, kunsidrat il-punt ta' ligi li gie dibattut, ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Claudio Żammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur